**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors nru: 159/18 AGV**

A

Vs

B u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu u kuratrici ad litem tat-tfal minuri C u D b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2018

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi huwa zzewweg mal-intimata fis-6 ta' Marzu, 2010 izda sussegwentement l-partijiet ipprocedew ghas-separazzjoni konsenswali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood tal-24 ta' Mejju, 2013 (Dok.A).

2. Illi qabel dan iz-zwieg, u cioe' fis-16 ta'Awwissu, 2008, twieldet tarbija li inghatat l-isem C u l-esponenti haseb li huwa l-missier naturali tal-istess tarbija u fil-fatt it-twelid gie registrat bhala li huwa l-missier naturali kif jidher mic-certifikat tat-twelid PR 2778/2008 (Dok.B). Illi sussegwentement irrizulta illi t-tarbija m'hijiex il-bint naturali tieghu tant illi sar test tad-DNA li eskluda lill-esponenti bhala l-missier (Dok.C). Illi fl-imsemmi kuntratt gie ddikjarat u kkonfermat li l-esponenti m'huwiex il-missier bijologiku tal-istess tarbija u ghalhekk il-kura u kustodja u s-setgha tal-genitur tal-imsemmija tifla minuri C giet kollha fdata lill-omm.

3. Illi apparti dan, wara s-separazzjoni u cioe' fis-26 ta'Ottubru, 2013 l-intimata kellha tifla ohra u semmietha D u hija rregistrat din it-tifla u fic-certifikat tat-twelid l-esponenti gie registrat bhala l-missier naturali u dan stante illi ma kienux ghaddew tlett mitt gurnata mid-data tal-kuntratt ta'separazzjoni (Dok. D).

4. Illi l-esponenti sar jaf bit-tarbija wara li twieldet u lanqas biss kien jaf li l-intimata kienet tqila u meta sar jaf huwa qalilha li huwa mhux il-missier naturali u jekk l-intimata tinsisti, kellhom l-ewwel u qabel xejn isiru testijiet tad-DNA izda dawn ma sarux.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur mhuwiex il-missier bijologiku tal-imsemmija tfal C u D; u

(ii) Tordna li jigu mhassra l-konnotati kollha tal-esponenti minn fuq ic-certifikati tat-twelid tal-imsemmija minuri u dan taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Ra r-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi l-attur ma ddikjarax abbazi ta' liema artikolu huwa qed isejjes l-azzjoni odjerna. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi ikun idoneju li l-attur jiddikjara dan, filwaqt li bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti l-esponent jirrizerva d-dritt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk dan ikun il-kaz.

2. Illi bla hsara ghas-suespost u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi stante din l-azzjoni hija denegata paternita' ta' ulied li huma mnissla u mwielda fiz-zwieg, l-attur kellu a tenur tal-Artikolu 74 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jistitwixxi l-kawza odjerna kontra l-konjugi kif ukoll kontra l-minuri li ghandhom ikunu debitament rapprezentati minn kuratur ai termini tal-Artikolu 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jecepixxi ukoll illi din l-azzjoni hija intempestiva u dan ghas-segwenti ragunijiet, gialdarba tali kawza si tratta l-paternita' ta' ulied mnissla u mwielda fiz-zwieg, kien mehtieg mill-attur illi ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex b'hekk ikun jista'jipprocedi bil-kawza istanti stante li l-attur ma pprezentax din l-azzjoni entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu citat.

4.Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent filwaqt li ha konjizzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ndikat fir-rikors promotur, huwa jecepixxi ghal kull buon fini illi ghandha tigi meghluba fl-intier taghha il-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment ghal din l-Onorabbli Qorti jigi ppruvat li l-pussess ta' stat tal-minuri, ahwa E, ma jaqbilx mal-atti tat-twelid taghhom.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat.

6.Illi l-attur jehtieglu primarjament jipprova u jissodisfa minn tal-anqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dana l-ghan, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet genetici li jindika li ma huwiex il-missier naturali ta' CE, izda ma pprezenta l-ebda test fir-rigward tal-minuri DE. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi ghandu jsir test genetiku fir-rigward tal-izghar minuri, filwaqt li r-rapport tat-test genetiku ta' CE ghandu jigi mahluf mit-tekniku.

7. Illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva illi huwa importanti li l-kelmiet "*the said*" li jinsabu qabel l-isem AE, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom flimkien mal-konnotati tal-attur jigu kkancellati mill-atti tat-twelid tal-minuri, ahwa E.

9. Illi finalment, l-esponent dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas tal-agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggetat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrent li qieghed minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' B li eccepiet is-segwenti:-

1.Illi preliminarjament l-attur irid jitlob l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jipprocedi b'azzjoni ta' denegata' paternita' ai termini tal-proviso tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew alternattivament jipprova li qieghed jintavola l-azzjoni ai termini tal-paragrafu (c) tal-Artikolu 73 stante li jirrizulta li l-minuri CE twieldet fis-16 ta' Awwissu, 2008 u l-minuri DE twieldet fis-26 ta' Ottubru, 2013.

2. Illi fit-tieni lok il-minuri DE u CE mhumiex rapprezentati kif titlob il-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta taqbel mal-attur li l-minuri CE mhijiex il-wild bijologiku ta' AE.

4.Illi pero' fir-rigward tal-minuri DE l-konvenuta tirrileva li l-fatti, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet rilevati fir-rikors promotur mertu ghal din ir-risposta fir-rigward huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-attur ma jissodisfax l-ebda wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement

m'hemmx prova konkluzziva dwar il-paternita' ta' DE bizzejjed biex teghleb il-prezunzjoni ta' legittimita'.

5.Illi ulterjorment u bla pregudizzju ghas-suespost, DE bhala wild imnissla jew imwielda fi zmien tlett (300) mitt gurnata mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni, stante illi l-pussess ta' stat taghha jaqbel ma' dak l-att.

6.Illi l-Att ta' twelid ta' DE bin-numru 5774/2013 esebit in atti korrettement jindika li l-missier naturali huwa AE. Izda ghal kull buon fini l-intimata qieghda taghti l-kunsens taghha ghat-test genetiku dwar paternita' sabiex jittiehed kampjun genetiku xieraq minn fuq il-persuna taghha ghat-test skond id-disposizzjonijiet tal-ligi vigenti.

7.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur illi minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Fatti**

Rat l-affidavit tar-rikorrent li spjega li hu u l-intimata B kienu zzewwgu fis-6 ta' Marzu, 2010, pero' kienu ilhom zmien twil johorgu flimkien. Fil-fatt, fis-16 ta' Awwissu 2008 kienet twieldet it-tarbija C, li min ghalih kienet bintu.

Jispjega illi kif meta zzewwgu kien kollox miexi sew, izda ftit qabel il-Milied 2012 l-intimata bdiet tiggerra u r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat ghal kollox. Fil-bidu tas-sena 2013 beda jkollu suspetti li C ma kinitx il-wild naturali tieghu u flimkien mal-intimata kienu qablu li jsiru t-testijiet tad-DNA u fil-fatt kienu marru St.James Clinic u wara li Dr. Marisa Cassar zammet it-testijiet, harget rapport fis-27 ta' Frar, 2013, fejn ikkonferma illi ma setax kien il-missier naturali ta' CE.

Ir-rikorrent ighid li kien hawn li kienu ddecidew li jipprocedu b'separazzjoni u kienu ffirmaw kuntratt fl-24 ta' Mejju, 2013, fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood u li CE ma kinitx bintu gie rifless fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Jispjega kif wara s-separazzjoni sar jaf li fis-26 ta' Ottubru, 2013, l-intimata kienet welldet tarbija u semmietha D. Qatt ma kienet qaltlu li kienet tqila u hu nfurmaha li ma kienx qed jikkunsidra lilu nnifsu il-missier naturali. Ghal darb'ohra issugerixxa li jaghmlu t-testijiet tad-demm, pero' ma kienx dispost li jhallas l-ispejjes kemm il-darba kien jirrizulta li t-tarbija ma kinitx bintu. L-intimata kienet issupervjat u minn dakinhar qatt ma kien rega' rah lil D.

Ghalhekk ir-rikorrent jispjega illi b'dina l-kawza qed jitlob li ghar-rigward tat-tifla C ma jibqax iktar rregistrat bhala missier it-tarbija peress li ma kienx u ghar-rigward ta' D, jitlob li jsiru t-testijiet tad-DNA biex jikkonferma jekk huwiex il-missier naturali ta' D u jekk mhuwiex, jitlob li ismu jinqata' minn fuq ic-certifikat tat-twelid taghha.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar li tikkonferma li wara li ghaddielha l-kampjuni orali F, ta' CE u ta' A u ghamlet it-testijiet tad-demm, irrizultalha li A mhuwiex il-missier naturali ta' CE.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar li tikkonferma li wara li gabret il-kampjuni ta' DE u ta' AE u ghamlet it-testijiet tad-demm, irrizultalha li AE mhuwiex il-missier naturali ta' DE.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-intimata qajmu diversi eccezzjonjiet preliminari, li jridu jigu sorvolati qabel ma' din il-Qorti tkun tista' tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kaz.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>**

Illi din l-eccezzjoni hija marbuta mat-tielet eccezzjoni, liema eccezzjoni giet sorvolata wara li r-rikorrent ipprezenta rikors fit-2 ta' Ottubru, 2018 fejn talab li jigi awtorizzat jipprezenta

kawza ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 73 (c), liema rikors gie milqugh b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 30 ta' Ottubru, 2018.

Illi ghalhekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet gew sorvolati u l-istess japplika ghal ewwel eccezzjoni tal-intimata li tirrigwarda l-istess talba.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Dwar din it-talba kemm da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif ukoll tal-intimata, jirrizulta ukoll li dina giet sorvolata peress li b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2018, l-intimata B giet nominata bhala kuratrici ad litem tal-minuri C u D u ghalhekk dina l-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni aktar taghha.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra dawn se jigu ttrattati mal-mertu tal-kaz.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 77 et sequitur tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta fejn ir-ragel tal-intimata fetah kawza fejn qed jiddikjara li hu mhux missier il-minuri C u DE u biex tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel ghandhom jingabu l-provi tat-testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita', kif ukoll irid jigi ppruvat li kien hemm l-impossibilita' fizika, li ghammru flimkien hi u r-ragel bejn it-300 u l-180 jum qabel it-twelid tal-minuri.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-
**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;

(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;

(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile*" (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet " **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrent ipproceda b'din l-azzjoni sabiex il-minuri C u D E ma jibqghux jigu mgharrfu bhala uliedu. Jispjega li C E kienet twieldet fis-16 ta' Awwissu, 2008 u kienet giet registrata bhala bintu fuq ic-certifikat tat-twelid. Ighid li hu u l-intimata kienu zzewwgu fis-6 ta' Marzu, 2010 u ghall-bidu kien jahseb li t-tarbija

kienet tieghu, izda mbaghad beda jkollu s-suspetti, ghax ftit wara z-zwieg, l-intimata kienet bdiet tiggerra u kien beda l-inkwiet.

Kien biss wara li ghamlu t-testijiet tad-DNA u Dr. Marisa Cassar kkonfermat li hu ma kienx il-missier naturali u bijologiku tal-minuri CE, li hu u l-intimata ddecidew li jisseparaw konsenswalment fl-24 ta' Mejju, 2013.

Ftit wara li sseparaw kien sar jaf li l-intimata kienet tqila, izda sa dak iz-zmien ma kienet qaltlu xejn. Fil-fatt, l-intimata welldet tarbija D fis-26 ta' Ottubru, 2013. Din it-tarbija ukoll giet registrata fuq isem ir-rikorrent, minkejja li kienu sseparati. B'dina l-kawza qed jitlob li jsiru t-testijiet tad-DNA sabiex ikun jista' jikkonferma mija fil-mija li t-tarbija mhix tieghu. Wara li Dr. Marisa Cassar zammet dawn it-testijiet, ikkonfermat li r-rikorrent mhuwiex il-missier naturali u biologiku tal-minuri D.

Madanakollu, il-ligi stess, minkejja li dejjem ghandha l-interess li zzomm l-istat tal-minuri stabbli u ma ccahhadix mill-familja li fiha kienet qed titrabba, pero', ir-rikorrenti ipprezentat il-konkluzzjonijiet tat-testijiet tad-DNA mhejjin minn Dr. Marisa Cassar, fejn indubbjament, l-minuri C u D ma jirrizultawx bhala ulied minuri tar-rikorrent. Kien ikun kompitu difficli ghall-Qorti biex tiddetermina li kien hemm l-impossibilita' fizika li jghammru flimkien bejn it-300 u 180 jum qabel it-twelid tat-tfal minuri u dan stante li l-kontendenti kellhom it-tarbija C fl-2008 u kienu zzewwgu fl-2010. Anke l-istess rikorrent ighid li kellu d-dubbji tieghu biss malli ghadda ftit zmien mit-tieg. L-istess ghandu jinghad ghat-tifla minuri D, li twieldet ftit wara s-separazzjoni u ghal darb'ohra r-rikorrent kellu l-incertezzi, donnu r-relazzjonijiet intimi kieu komplew anke matul il-perjodu sakemm hadu d-decizjoni li jisseparaw fl-2013. Madanakollu, l-incertezzi gew sorvolati mit-testijiet tad-DNA li kkonfermaw l-illegitimita' tal-tfal minuri u ghalhekk jaghtu l-konferma li r-rikorrent ma setax kien il-missier naturali u bijologiku taghhom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li mhuwiex il-missier naturali u biologiku tal-minuri CE u DE;
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jigu mhassra l-konnotati kollha tal-esponenti minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri u li ghalhekk iz-zewg minuri jiehdu l-kunjom G.

3. Tilqa' t-tmien talba tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-intimata.

**Imhallef**
**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**

**Deputat Registratur**